# QORTI ĊIVILI
# (SEZZJONI FAMILJA)

## ONOR. IMĦALLEF
## JACQUELINE PADOVANI GRIMA LL.D., LL.M. (IMLI)

**Illum, 17 ta' Ottubru 2023**

**Rik. Nru. : 289/2019/6 JPG**

**DD**

**Vs**

**MD**

**Il-Qorti:**

Rat ir-rikors tal-attrici datat 23 ta' Frar 2023, li permezz tieghu talbet lill-Qorti sabiex taghti l-permess specjali ai termini tal-Artikolu 229(3) tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta sabiex tressaq Appell mid-digriet ta' din il-Qorti tas-16 ta' Frar 2023;

Rat id-digriet precedenti ta' din il-Qorti;

Rat ir-risposta tal-intimat tat-23 ta' Marzu 2023 illi permezz taghha, oggezzjona ghat-talba stante li d-digriet tas-16 ta' Frar 2023 jaqa' taht l-Artikolu 229(1)(k) tal-Kap 12 in kwantu li kien digriet li laqa' talba ghal-varjazzjoni tad-digriet moghti u ghaldaqstant, m'huwiex appellabbli qabel tinghata sentenza definittiva.

**Ikkonsidrat:**

Illi dan huwa digriet wara talba tal-attrici sabiex tinghata permess specjali ai termini tal-Artikolu 229(3) tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta sabiex tressaq Appell mid-digriet ta' din il-Qorti tas-16 ta' Frar 2023, ghal liema talba l-intimat qed joggezzjona ;

Fis-sentenza ***Darryl Francis Grima proprio et nomine vs L-Onorevoli Prim Ministru et nomine*** deciza mill-Qorti Kostituzzjonali fil-21 ta' Gunju, 1988 gie ritenut:

> ***Hija gurisprudenza ta' dawn il-Qrati (vide Rikors ta' Edgar Baldacchino et vs Joseph Bellizzi deciz mill-Qorti ta' l-Appell fl-10 ta' Awissu 1953 [Kollez. Vol. XXXVII.i.519]) illi hemm tlett xorta ta' digrieti, cioe' dawk definittivi, dawk interlokutorji u dawk li la huma definittivi u lanqas interlokutorji. Ghall-ewwel u t-tieni kategorija ta' digrieti hemm appell, ghat-tielet kategorija, appell dirett quddiem il-Qorti ma hemmx. U min irid jimpunjah la m'huwiex digriet interlokutorju jew definitiv ma jistax jimpunjah permezz ta' appell dirett izda biss permezz ta' citazzjoni in kontradittorju tal-kontroparti fil-Qorti li tkun emanat id-digriet. U mis-sentenza li tinghata fuq dik ic-citazzjoni jista' jkun hemm anke appell."***

Ulterjorment, fuq din it-tielet kategorija gie rilevat ukoll:

> ***Barra minn dawn id-digrieti (kamerali, interlokutorji u digrieti jew ahjar sentenzi definittivi), jezistu (kif inghad) digrieti ohrajn li la huma interlokutorji u lanqas definitivi u li l-legislatur ma pprovda xejn dwar kif ghandhom jigu impunjati. Pero', skond il-prattika inveterata tat-Tribunali taghna, l-impunjazzjoni ta' dawn it-tipi ta' digrieti ssir permezz ta' rikors in kontradittorju tal-kontroparti, quddiem l-istess Qorti li tkun emanat id-digriet. Meta eventwalment dik il-kawza tigi deciza, is-sentenza tkun tista' tigi appellata b'appell ordinarju quddiem il-Qorti ta' l-Appell. (Professur John Mamo noe vs Edward Borg proprio et nomine deciza mill-Qorti tal-Kummerc fil-31 ta' Ottubru, 1991)***

**Illi l-artikolu 229 tal-Kap 12 jistipula f'sub artikolu 1 liema digrieti ma jistghux jigu kontestati qabel tinghata s-sentenza definittiva**: [1]

---

[1] ***(1) Appell minn dawn id-digrieti li ġejjin jista' jsir biss wara l-għoti ta' sentenza definittiva u flimkien ma' appell minn dik is-sentenza, u dawn id-digrieti ma jistgħux jiġu kontestati qabel ma tingħata s-sentenza definittiva: (a) digriet dwar l-akkoljiment ta' talba għall-urġenza; (b) dwar kull ordni jew direttiva skont il-provvedimenti tal-artikolu 173; (ċ) digriet dwar jekk tintlaqax jew le talba għat-tħollija tal-kawża għal data oħra skont l-artikolu 195(3);(d) digriet dwar jekk tintlaqax jew le oġġezzjoni għall-ammissjoni ta' xhud skont l-artikolu 567;(e) digriet dwar jekk tintlaqax jew le talba biex isirumistoqsijiet lil xhud skont l-artikolu 587; (f) digriet dwar jekk tintlaqax jew le talba biex jinġiebu*** **dokumenti** ***skont l-artikolu 637 ħlief jekk d-digriet ikun dwar jekk tintlaqax jew le talba biex jinġieb dokument li jkun dokument privileġġat skont id-***

It-tieni subartikolu jindika id-digrieti li ghandhom jinqaraw bil-miftuh fil-Qorti. [2]

Illi l-Artikolu 229 tal-Kap 12 jistipula fis-sub Artikolu 3 is-segwenti:

> ***(3) Ħlief kif provdut speċifikatament mod ieħor f'dan il-Kodiċi, appell minn kull digriet interlokutorju ieħor li mhuwiex inkluż fis-subartikoli (1) u (2) jista' jsir biss qabel is-sentenza definittiva jekk il-qorti li tkun qed tittratta l-każ tagħti permess speċjali sabiex dan isir, liema permess għandu jintalab b'rikors li jiġi preżentat fi żmien għaxart ijiem mill-jum meta d-digriet jinqara bil-miftuħ fil-qorti. Il-qorti, wara li tkun semgħet lill-partijiet, tista' tilqa' li jsir dan l-appell jekk jidhrilha li jkun aħjar u ġust li l-kwistjoni tinġieb quddiem il-Qorti tal-Appell qabel ma tingħata s-sentenza definittiva u t-terminu biex jiġi preżentat tali appell għandu jibda jgħaddi mid-data tad-digriet li bih il-Qorti tkun laqgħet li jsir dak l-appell.***

Illi minn ezami akkurat ta' l-Artikolu 229, Kap 12 tal-ligijiet ta' Malta ghandu jirrizulta:

> ***Illi l-legislatur b'din id-disposizzjoni ried li jirregolarizza u jirrazjonalizza meta u kif seta' jsir appell minn digrieti moghtija mill-Qorti mahsuba biex jiffavorixxu l-andament korrett tal-proceduri quddiemha. Infatti l-artikolu jipprovdi ghal digrieti kamerali u interlokutorji ta' kull xorta u jiddetermina jekk setax jew le jsir appell minnhom qabel l-ghoti tas-sentenza definittiva u f'dawk il-kazijiet fejn***

---

***dispożizzjonijiet tal-artikolu 637(4); (g)dwar il-ħatra ta' perit skont l-artikolu 646; (h)digriet dwar jekk tintlaqax jew le talba għall-konnessjoni ta' kawża ma' oħra skont l-artikolu793(1); (i) digriet dwar jekk tintlaqax jew le talba għas-sospensjoni tal-għoti ta' digriet; (j) digriet dwar jekk tintlaqax jew le talba għall-isfilz ta'dokument mill-atti ta' kawża; (k) digriet dwar jekk tintlaqax jew le talba għar-revokajew emenda ta' digriet, bla ħsara għad-dispożizzjonijiet ta' dan l-artikolu; (l) digriet dwar jekk tintlaqax jew le talba għal konċessjoni speċjali sabiex ikun jista' jsir appell skont is-subartikolu (5);(m) dwar digriet li ma jilqax talba għal waqfien fil-proċedimenti.***

[2] ***(2) Id-deċizjoni tal-qorti fil-każijiet hawn taħt imsemmija għandha tingħata permezz ta' digriet li jinqara bil-miftuħ fil-qorti f'jum li jiġi debitament notifikat lill-partijiet, u jista' jsir appellminn dak id-digriet qabel is-sentenza definittiva bla ħsara għall-proċedura stabbilita fis-subartikoli (4) u (5): (a) digriet li jiċħad il-ħatra ta' periti addizzjonali skont l-artikolu 674; (b) digriet dwar it-trasferiment tas-smiegħ ta' kawża minn qorti oħra skont l-artikolu 792; (ċ) digriet li jiċħad is-sejħa ta' terza persuna f'kawża skont l-artikolu 961;(d) digriet li ma jilqax talba għall-urġenza;(e) digriet li jordna l-waqfien tal-proċedimenti;f) digriet li jordna li jinġieb dokument li jkun dokument privileġġat skont id-dispożizzjonijiet tal-artikolu 637(4).***

> ***digriet interlokutorju seta' jigi appellat qabel is-sentenza definittiva, id-disposizzjoni timponi procedura li kellha tigi segwita. Id-dispozizzjoni pero` taghmilha cara illi dawk il-provvedimenti kienu japplikaw biss ghad-digrieti msemmija fis-subincizi (1) u (2) ta' l-istess artikolu u ghal kull appell "minn kull digriet interlokutorju iehor li mhuwiex inkluz fis-subartikolu (1) u (2) ta' dan l-artikolu". Dan ifisser illi jekk id-digriet ma jkunx wiehed interlokutorju (naturalment ukoll jekk jkun kamerali) – u dana kif qed jigi definit li hu id-digriet taht ezami – l-artikolu 229 tal-Kap 12 ma kienx applikabbli ghalih. Infatti l-incizi sussegwenti (4), (5) u (6) huma lkoll marbutin mad-dispozizzjoni precedenti. Kienu allura biss japplikaw ghal dawk ix-xorta ta' digrieti imsemmija fl-incizi (1) u (2).[3]***

**Ikkonsidrat:**

Illi l-attrici qed tibbaza din it-talba fuq l-artikolu 229 (3) su citat u dana stante li fil-fehma taghha, dan id-digriet jinkwadra ruhhu fid-dispozizzjonijiet tal-artiklu 229(3). Illi fir-rikors taghha l-attrici tishaq illi hija ma taqbilx mal-konkluzjonijiet ta' din il-Qorti u hi tal-fehma li jkun ahjar u gust illi l-kwistjoni tingieb quddiem il-Qorti tal-Appell qabel is-sentenza definittiva.

Illi da parti tieghu l-intimat, fir-risposta minnu intavolata, jirrileva illi l-artikolu invokat mill-attrici ma japplikax ghall-kaz odjern u stante l-provvediment tal-Qorti tas-16 ta' Frar 2023, bl-ebda mod ma jincidi fuq il-meritu tal-kas; li awtorizazzjoni ghall-Appell jgib mieghu is-sospensjoni tas-smigh tal-provi u konsegwenti prolungar tas-smigh tal-proceduri u di piu', d-digriet tas-16 ta' Frar 2023, jinkwadra ruhu taht l-Artikolu 229(1)(k) , Kap 12, li ma huwiex appellabbli qabel is-sentenza definittiva.

[3] Vide *Paul Tanti et vs Sammy Mifsud* deciza 19 ta'Novembru 2001 (Qorti tal-Appell Sede Superjuri).

Illi ghalhekk u fid-dawl ta' dak sollevat mill-intimat fir-risposta tieghu din il-Qorti jehtiegilha qabel xejn tiddetermina jekk verament dak deciz minn din il-Qorti fis-16 ta' Frar 2023 jaqghax taht id-dettami tas-sub artikolu 3 tal-Artikolu 229.

Illi hija l-fehma konsiderata ta' din il-Qorti illi d-digriet moghti minn din il-Qorti datat 16 ta' Frar 2023, kien digriet pendente lite, dwar varjazzjoni ta' digriet ta manteniment tal-ulied u ghaldaqstant, jinkwadra perfettament taht Artikolu 229(1)(k) tal-Kap 12 u cioe:

> ***"(k) digriet dwar jekk tintlaqax jew le talba għar-revoka jew emenda ta' digriet, bla ħsara għad-dispożizzjonijiet ta' dan l-artikolu"***

F'dan ir-rigward issir referenza għas-sentenza fl-ismijiet **Catherine Balzan v. Tarcisio Balzan**[4] , fejn ġie mtenni illi r-rekwiżit tal-permess ġie introdott fis-sistema tal-proċedura legali tagħna sabiex jiġi evitat l-abbuż tas-sistema li jwassal għal dewmien inutili intiż saħansitra minn wieħed jew aktar mill-partijiet:

> ***"Huwa risaput li l-provvediment rigwardanti l-appelli minn digrieti [l-Art.229 Kap.12] gie ntrodott fis-sistema taghna biex jigu evitati l-kwantita' ta' appelli li kienu jsiru fil-prosegwiement tal-kawza fil-Prim' Istanza li diversi drabi l-uniku skop taghhom kien li jittawlu l-proceduri. Kien ghalhekk li l-leġiżlatur ħass li kellu jimponi dawk il-każijiet fejn ma kellu qatt isir appell ħlief mis-sentenza finali u dawk il-każijiet, invece fejn kien assolutament neċessarju li jsir appell qabel dak l-istadju għall-prosegwiment ġust u effikaċi ta' dik il-kawża partikolari. Madankollu, dawn il-listi ma setgħux jiġu kompletati u kien ghalhekk, li f'każijiet oħra, id-diskrezzjoni dwar appell qabel is-sentenza definittiva ġiet imħollija f'idejn il-ġudikant."***

[4] Deċiża mill-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili, fl-4 ta' Mejju, 2001.

Ghalhekk il-Qorti tqis illi t-talba tal-attrici ma tistghax tigi milqugha galadarba l-artikolu tal-ligi fuq liema hija msejsa t-talba tal-attrici, m'huwiex applikabbli u dana stante li varjazzjoni ta' digriet m'huwiex appellabbli qabel ma tinghata is-sentenza definittiva.

**Ghal dawn il-motivi, il-Qorti tichad ir-rikors tal-attrici data 23 ta' Frar 2023.**

**Mogħti Kameralment.**

**Mħallef Jacqueline Padovani Grima LL.D. LLM (IMLI)**

**Lorraine Dalli**
**Deputat Reġistratur**